MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 115/2012

**A B**

**vs**

**C D, E V, Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista jkollu u b'digriet tat-30 ta' Lulju 2012 L B giet appuntata kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta lill-minuri K D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat E V qeghdin f'relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) izda peress li r-rikorrenti ilha separata legalment minn mal-intimat l-iehor C D mill-5 ta' Settembru 2011 isem it-tarbija gie registrat bhala K D B u missier it-tarbija gie registrat bhala C D (Dok A – certifika tat-twelid u Dok. B – kuntratt tas-separazzjoni);

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat li missier tat-tarbija bhala li huwa l-intimat C D effettivament missier il-minuri li huwa E V li mieghu ghadha sal-lum;
3. Illi peress li r-rikorrenti u zewgha l-intimat C D ma kienux ilhom separati ghal tlett mitt jum (300 jum) qabel it-twelid tal-minuri K, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku rrifjuta li jirregistra missier it-tarbija lill-intimat E V;
4. Illi l-attrici ghandha interess li tigi dikjarata l-paternita` tal-minuri K D B;
5. Illi r-rikorrenti u l-intimat E V diga ghamlu t-test tad-Dna li stabilixxa lill-intimat E V huwa missier naturali tat-tarbija K;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri K D li twieldet fis-17 t'April 2012 huwa l-intimat E V;
2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija att numru elf disa mija u erba u sittin tas-sena elfejn u tnax (1964/2012) u tordna li partikolarment fil-kolonna intitolata: "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jidhlu l-kliem "E V" u l-partikolaritajiet relattivi tal-istess E V ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta, ghall-post tat-twelid u ta' residenza u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, inkwantu jirreferu ghal missier il-minuri K jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolartajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh.
3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa huma ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi

għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta beda jiddikorri mit-28 ta' Jannar 2013;

2. Illi jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri K D B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri K D B, kellha relazzjoni extramaritali ma' E V u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lil E V bħala l-missier naturali tal-imsemmiha minuri K D B, u dan *ai termini* tal-**Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri K D B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

5. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lill-istess E V sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri K D B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla K D B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita K D B;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-minuri K D B trid tagħżel liema kunjom ħa zżomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

7. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota guramentata tal-konvenut C D, li *in forza* taghha eccepixxa :

Li permezz taghha jinforma lil dina il-Qorti li qed jaghti ruhu notifikat bir-rikors guramentat u jaqbel mat-talbiet attrici;

Li huwa jiddikjara li t-tarbija mhix il-wild naturali tieghu;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri K D B jigi emendat fis-sens li missier l-istess minuri ma jibqax jidher bhala C D izda jigi dikjarat li hija l-wild naturali ta' E V.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Illi l-Qorti tirrileva li ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-ewwel

eccezzjoni giet sorvolata peress li l-Avukat Generali gie notifikat bl-atti tal-kawza nhar l-1 ta' Frar 2013. Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, l-Qorti tirrileva li dawn kollha jduru fuq il-mertu u jekk l-attrici rnexxilhiex teghleb il-presunzjonijiet legali permezz ta' testijiet tad-DNA u permezz ta' provi ohra sabiex turi dwar min hu verament missier it-tarbija. Kollox pero' jorbot fuq il-mertu principali tal-kaz u cioe' l-paternita'.

Il-Qorti tirrileva li l-minuri K D B twieldet nhar is-17 ta' April 2012 u cioe' seba' xhur wara li l-attrici u l-intimat C D isseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat il-5 ta' Settembru 2011 ippublikat min-Nutar Dr. Josef Masini Vento[1]. Dan ifisser li ma kienux ghaddew tlett mitt (300) gurnata bejn il-kuntratt ta' separazzjoni u t-twelid tal-minuri u konsegwentement fic-certifikat tal-minuri kellu necessarjament jigi mnizzel li missier il-minuri huwa C D.

L-attrici permezz tar-rikors guramentat taghha kif ukoll permezz tal-affidavit taghha[2] tiddikjara u teskludi b'certezza li l-intimat C D huwa l-missier biologiku tal-minuri K u zzid tghid li missier il-minuri huwa E V u dan *stante* li hi u E V ilhom jghixu flimkien mis-sena 2010. C D, permezz tar-risposta guramentata kif ukoll permezz tal-affidavit tieghu[3], ukoll jikkonferma dak li tghid l-attrici fis-sens li jiddikjara b'certezza li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu peress li qabel il-kuntratt ta' separazzjoni bejnu u bejn l-attrici, kienu ilhom ma jghixu flimkien sa' mis-sena 2010. L-intimat l-iehor E V permezz tal-affidavit tieghu[4] ukoll jikkonferma dak li tghid l-attrici u jzid jghid li l-minuri hija bintu. Dan kollu huwa kkorraborat mid-DNA test esebit in atti[5] u li permezz tieghu gie konfermat li l-minuri K hija verament il-wild naturali ta' E V.

Il-Qorti tirrileva li l-attrici irnexxilha tipprova l-paternita' tal-minuri u konsegwentement it-talbiet taghha gew ippruvati

---

[1] Liema kuntratt huwa esebit a fol 6 tal-process
[2] Ara a fol 20 tal-process
[3] Ara a fol 19 tal-process
[4] Ara a fol 22 tal-process
[5] Ara a fol 16 u 17 tal-process

sal-grad rikjest mill-ligi permezz tat-test tad-DNA esebit in atti li juri verament li l-minuri hija l-wild naturali tal-intimat E V. Dan qieghed jinghad ovvjament ghaliex it-test xjentifiku ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri u konsegwentement tali DNA test huwa l-prova regina fi kwistjonijiet ta' din in-natura. Dan necessarjament ifisser li l-presunzjonijiet legali citati fl-eccezzjonijiet imqajma mid-direttur tar-registru pubbliku gew kollha meghluba permezz tal-istess rizultat ta' DNA.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri K D li twieldet fis-17 ta' April 2012 huwa l-intimat E V;

(2) Tilqa' t-tieni talba hekk kif dedotta billi tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri K B bin-numru 1964/2012 billi fejn hemm l-intestatura l-isem u l-kunjom tal-missier, magenb il-kliem 'missier it-tarbija' jitnizzel isem u kunjom l-intimat E V li ghandu l-karta tal-identita' numru 395182M, iben Joseph V, l-eta' li kellu l-intimat meta twieldet il-minuri kienet dik ta' 29 sena, huwa mwieled il-Pieta' u meta twieldet l-istess minuri kien residenti Mosta. Il-Qorti tordna wkoll li kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta' D B.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------